# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Settembru, 2015**

**Numru 9**

**Rikors numru 29/10 JA**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Lawrence Cauchi)**

**v.**

**Carmel sive Charles Ellul Sullivan, Patrick Pellegrini u Sebastian Dalli**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dawn huma żewġ appelli, wieħed intavolat minn l-appellant Carmel sive Charles Ellul Sullivan u l-ieħor intavolat minn l-appellant Sebastian Dalli minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla

tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-23 ta' Ottubru 2013, li permezz tagħha dik il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimat u caħdet it-talbiet kollha tal-imputati, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**Talba għal referenza kostituzzjonali**

**2.** Fis-seduta tal-14 ta' April 2010 fil-kors tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet premessi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-imputati Carmel Ellul Sullivan, Sebastian Dalli u Patrick Pellegrini talbu lil dik il-Qorti jogħġobha tordna li ssir referenza kostituzzjonali u konsegwentament tordna wkoll li l-atti proċesswali ta' dawk il-proċeduri jiġu rimessi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiġi deċiża l-vertenza ta' indoli kostituzzjonali skont il-liġi.

**3.** Permezz tal-verbal waqt is-seduta tal-14 ta' April 2010 hawn fuq imsemmija:

- Id-difiża rriferiet għas-seduta tas-27 ta' Jannar 2010 fejn kienet issottomettiet illi in mankanza ta' eżenzjoni ta' l-istess difiża, x-xhieda jridu jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid u għamlet talba f'dak is-sens. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-seduta tas-27 ta'

Jannar 2010 caħdet din it-talba u in segwitu l-akkużati ntavolaw appell iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat dik id-deċiżjoni inappellabbli f'dak l-istadju.

- Konsegwentement id-difiża għan-nom tal-imputati imsemmija qajmu lanjanza ta' natura kostituzzjonali għaliex sostnew illi jekk ix-xhieda ma jerġgħux jinstemgħu, mhumiex ser ikollhom smigħ xieraq skont id-dispost ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u dan stante li x-xhieda mhux ser ikunu xehdu *viva voce* imma l-Qorti ser ikollha tistrieħ fuq dak li hemm fit-traskrizzjonijiet ta' diversi dispożizzjonijiet.

- Id-difiża sostniet ukoll illi l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' prima istanza hija tenuta li tisma' *viva voce* (Artikolu 646 (1) tal-Kap. 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża sabiex il-ġudikant ikun jista' jagħmel il-valutazzjoni tiegħu tal-provi skont id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kap. 9.

- Id-difiża sostniet li wieħed mill-kriterji l-iktar importanti sabiex il-ġudikant jasal għall-konklużjoni tiegħu dwar

x'jemmen u ma jemminx minn dak li jgħid xhud hu dak ta' "l-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. U sabiex dan il-kriterju jiġi attwat il-Maġistrat per forza għandu jisma' b'widnejh u jara b'għajnejh lix-xhud jiddeponi.

**Ir-riferenza tal-Qorti tal-Maġistrati**

**4.** Fl-14 ta' April 2010 il-Qorti tal-Maġistrati bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat digriet fir-rigward tat-talba tal-imputati għal riferenza kostituzzjonali u permezz tagħha pprovdiet kif ġej:

"Rat it-talba ta' l-imputati sabiex issir referenza kostituzzjonali ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta galadarba din il-Qorti kif preseduta ddecidiet li ma kienx hemm bzonn jinstemgħu il-provi mill-gdid.

"Fil-kaz odjern hafna mill-provi nstemgħu barra minn Malta għax saru permezz ta' ittri rogatorji u għal hekk la l-Magistrat sedenti u lanqas ta' qablu ma kien fil-posizzjoni li jara lil dawn ix-xhieda jixdhu.

"Lanqas m'hemm imnizzel fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li l-kawza trid bilfors tinstema' mill-istess gudikant stante li fis-47 pajjiz membru tal-Kunsill ta' l-Ewropa u fil-pajjizi l-ohra tad-dinja, dejjem ikun hemm gudikanti li mietu, rtiraw jew kienu assenjati xogħol iehor wara li jkunu diga instemgħu hafna mill-provi.

"Il-Qorti Ewropea diga kellha cans tistharreg kazi bhal dawn (ara Pitkannen vs Finland u P.K. vs Finland) u r-rizultat kien fin-negattiv.

"Minkejja dan kollu l-Qorti qed tilqa' t-talba tad-difiza u tirrimetti l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tistharreg l-ilment ta' l-imputati ai termini ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u 39 tal-Kostituzzjoni.

"Għalhekk qed tibgħat l-atti lir-Registratur sabiex jgħaddieh lill-Gudikant li ser jigi assenjat dan il-kaz.

**Ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali għat-talba għal referenza kostituzzjonali**

**5.** Permezz tar-risposta tagħhom tas-27 ta' April 2010, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali talbu lil din il-Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontrihom.

**6.** Fir-risposta tagħhom il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali eċċepew is-segwenti:

"1. Preliminarjament din l-onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tisma' dan il-kaz ai termini tal-proviso tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 4 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li għat-talba tar-rikorrenti kien hemm rimedju effettiv għat-talbiet tagħhom, liema rimedju r-rikorrenti ga uzawh, izda li kellu ezitu negattiv għalihom. Dawn iz-zewg artikli ma jitolbux li r-rimedju effettiv ikollu ezitu pozittiv għar-rikorrenti, izda jesigu li jkun rimedju li jezisti u jkun wiehed effettiv. Jingħad ukoll li r-rikorrenti għad għandhom rimedju iehor għad-dispozizzjoni tagħhom u cioe' appell fit-tmiem tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Għalhekk din l-onorabbli Qorti għandha tastejni milli tisma' dan il-kaz.

"2. Preliminarjament ukoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost, din l-azzjoni hija wahda intempestiva minhabba l-istess raguni spjegata fl-ewwel paragrafu.

"3. Preliminarjament u mingħajr pregudizzju għas-suespost, in kwantu l-punt li dwaru qed issir ir-referenza, u cioe', jekk il-Magistrat sedenti fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti għandux jerga jisma' l-provi kollha ga mressqa mill-gdid, hu punt li diga kien deciz mill-ogħla Qorti kompetenti, b'ezitu negattiv għall-istess rikorrenti, din ir-referenza m'għandhiex tintuza bhala appell iehor minn din id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fis-17 ta' Marzu 2010. L-esponenti jissottomettu li l-unika raguni għaliex ir-rikorrenti bdew din il-procedura kostituzzjonali hi biex ir-rikorrenti

jittentaw jaslu fejn ma waslux bl-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. L-esponenti jissottomettu wkoll li jekk jirrizulta dan l-għemil abbuziv, din l-onorabbli Qorti għandha tiddikjara din ir-referenza bhala wahda abbuziva u tieqaf tismagħha.

“4. Preliminarjament ukoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost, in kwantu din il-procedura kostituzzjonali qed tintuza biex jitwalu l-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti inutilment, l-esponenti jissottomettu li dan hu agir abuziv u l-Qorti għandha tiddikjarah bhala tali u tieqaf tisma’ din il-procedura.

“5. Illi fil-mertu m’hemm l-ebda ksur tad-dritt ta’ smigħ xieraq fil-konfront tar-rikorrenti la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni u dan għar-ragunijiet segwenti.

“6. Illi l-esponenti jissottomettu li l-gurisprudenza Maltija u tal-Qorti Ewropea tgħallimna li biex ikun ezaminat hemmx ksur tad-dritt ta’ smiegħ xieraq fi proceduri gudizzjarji, dawk il-proceduri jridu jkunu ezaminati fl-assjem tagħhom u mhux spezzettati f’mumenti u partijiet. Hekk id-dritt ta’ smigħ xieraq jassigura smigħ xieraq u gust meta wiehed jizen dak kollu li gara fil-kawza u mhux fir-rigward ta’ decizjoni jew mument partikolari minnha. F’dan l-istadju dan l-ezami tal-assjem tal-proceduri kriminali għadu ma jistax isir peress li l-proceduri kriminali odjerni għadhom ma ntemmux.

“7. Illi f’kull kaz l-esponenti jissottomettu li d-dritt ta’ smigħ xieraq ma jinkludix xi dritt li l-kaz jinstema’ kollu mill-istess gudikant. Fis-sentenza **Pitkanen vs Finland** il-Qorti Ewropea ma sabitx ksur tal-artiklu 6 meta s-seduti kollha li fihom instemgħu ix-xhieda kienu preseduti minn gudikant differenti, pero’ s-seduti kollha kienu rrekordjati fuq *video* u transkritti. L-esponenti jissottomettu li anke fil-proceduri kriminali odjerni, hemm traskrizzjoni tax-xhieda kollha. Barra minn hekk, minnhom infushom, dawk il-provi li jinstemgħu bil-procedura tar-rogatorji ma jinstemgħux mill-istess gudikant li jkun qed jippresjiedi l-proceduri. Dan ma jfissirx li b’daqshekk hemm ksur tad-dritt ta’ smigħ xieraq, ladarba jkun hemm l-opportunita’ tar-rikorrenti għal kontroezami tagħhom.

“Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

## Is-sentenzi preċedenti

**7.** Rat is-sentenza li ngħatat mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-28 ta’ Marzu 2011 li permezz tagħha dik il-

Qorti ddeklinat li teżercita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha u dik tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta' April 2012 li permezz tagħha rrevokat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u bagħtet l-atti tal-kawża lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) biex tiddeċidiha fil-mertu.

## Is-sentenza appellata

**8.** Wara li l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha appellata tat-23 ta' Ottubru 2013 ċċitat l-artikoli relevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni kif ukoll għamlet riferenza għal sentenzi tal-Qorti fi Strasburgu u għal dawk tal-qrati kostituzzjoniali ta' Malta u rriferiet ukoll għal dak li jingħad mill-awturi **Jacobs and White**[1], issoktat tagħmel il-kunsiderazzjonjiet li ġejjin u li wassluha għas-sentenza tagħha[2]:

> "Illi issa fil-kaz in kwistjoni naturalment il-lanjanza mhijiex dik imsemmija fil-kazijiet li għadhom kemm gew citati izda li l-akkuzati finalment se jigu gudikati minn Magistrat li ma jkunx sema' tal-inqas il-maggoranza tal-provi prodotti. Huwa mill-ewwel evidenti li dan ma jfissirx li huma mhumiex se jkollhom '*a fair trial*'; min se jiggudikahom għandu a disposizzjoni tiegħu l-verbali dettaljati u kull xhieda hija traskritta debitament. Ikun naturalment differenti l-kaz kieku min jiggudika ma jkollu ebda dokumentazzjoni u jiggudika mingħajr ma jisma' l-provi. L-ordinament guridiku tagħna tant huwa attent għal dawn il-possibbilitajiet li meta jsir appell kriminali minn decizjoni tal-

[1] *The European Convention on Human Rights,* pagna 140
[2] Ara para. 1 *supra*

Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Sommarja (fejn allura x-xhieda normalment ma tkunx traskritta), il-provi jerggħu jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

"Illi barra minn hekk għalkemm huwa certament desiderabbli li l-gudikant jisma' l-kawza mill-bidu tagħha sa tmiemha, dan ma hux dejjem possibbli. Fil-kaz in ezami, per ezempju, kien hemm Magistrati li gew elevati għal Imhallfin; xi haga li tista' tigri facilment fil-kors ta' kawza. X'għandu jsir allura? Jerggħu jibdew il-provi? Jew, x'jigri quddiem il-Qorti tal-Appell (Kriminali jew Civili)? Jerggħu jinstemgħu l-provi għaliex l-Imhallfin sedenti ma jkunux semgħu l-provi huma? Kieku jigri hekk il-kawza kollha jdumu għexieren ta' snin biex jigu decizi.
"Illi dan kollu jwassal il-Qorti għall-konvinzjoni assoluta li din it-talba tal-akkuzati ma ma hijiex hlief it-tentattiv ennesimu tagħhom biex itawwlu bla bzonn il-proceduri in kwistjoni.

## Rikors ta' Appell ta' Carmel sive Charles Ellul Sullivan

**9.** B'rikors tal-4 ta' Novembru 2013, l-appellant Carmel sive Charles Ellul Sullivan, talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata u minflok tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellati Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali ("l-appellati") u tiddikjara illi għar-raġunijiet minnu mogħtija seħħ jew qed iseħħ jew x'aktarx sejjer iseħħ fil-konfront tiegħu ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li tagħti kwalsijasi provediment jew rimedju li jidrilha xieraq u opportun, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

**10.** Fil-qosor l-appellant Ellul Sullivan sostanzjalment ressaq l-aggravji segwenti:

- **<u>L-ewwel aggravju:</u>** Is-sentenza appellata hija nulla peress illi strettament is-sentenza appellata kellha tagħti tweġiba għall-kweżit kienx hemm jew le l-ksur lamentat mill-appellanti dwar id-drittijiet tagħhom għal smigħ xieraq u mhux '*tiċħad it-talbiet kollha tal-imputati*' kif għamlet.

- **<u>It-tieni aggravju:</u>** Is-sentenza appellata hija nulla peress illi minkejja li l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi dwar il-mertu tar-referenza esklużi l-eċċezzjonijiet li diġa' kienu ġew deċiżi fl-ewwel Qorti fis-sentenza appellata iddecidiet ukoll eċċezzjonijiet li kienu diġà ġew finalment deċiżi minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2012 u li għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx terġa' tiddeċiedi dwarhom.

- **<u>It-tielet aggravju</u>**: Is-sentenza appellata hija nulla peress illi s-sentenza appellata ma setgħetx tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-appellati, li ma ġewx deċiżi bis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' April 2012, peress li dawn jimmiraw sabiex jipprekludu lill-ewwel Qorti milli tagħti tweġiba għall-kweżiti sollevati fir-riferenza mentri bis-sentenza

msemmija din il-Qorti ordnat lill-ewwel Qorti biex twieġeb dawk il-kweżiti u għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-appellati kif għamlet.

- **<u>Ir-raba' aggravju</u>**: Id-dritt fondamentali tal-appellant għal smigħ xieraq ġie miksur għaliex huwa ma ġiex notifikat bir-riappuntament tal-kawża li tħalliet mill-ewwel qorti għas-sentenza minkejja li ħadd mill-appellanti ma awtorizza lill-ewwel Qorti biex tgħaddi għas-sentenza u dik il-Qorti qagħdet biss fuq il-parir tal-appellati fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2012 (b'liema data l-appellanti lanqas biss kienu notifikati), u b'hekk ma kellhom ebda opportunità jressqu l-provi tagħhom u li jittrattaw il-każ tagħhom quddiem l-ewwel Qorti.

- **<u>Il-ħames aggravju</u>**: Il-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Qorti hija żbaljata billi fil-każ tal-appellanti jekk ix-xhieda fil-proċess penali ma jinstemgħux mill-ġdid jinkisru d-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

- **<u>Is-sitt aggravju</u>**: Is-sentenza appellata hija bbażata fuq premessi irrilevanti billi hija msejsa fuq ġurisprudenza rigward meta l-akkużat ma jkollux assistenza legali waqt l-

interrogatorju, liema ġurisprudenza m'għandha x'taqsam assolutament xejn mal-kweżit odjern.

- **<u>Is-seba' aggravju</u>**: Il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti mhijiex korretta peress li f'dan il-każ m'għandniex qorti tat-tieni grad li biddlet il-ġudikant iżda għandna qorti tal-ewwel grad u għaldaqstant ix-xhieda li nstemgħu għandhom jerġgħu jinstemgħu quddiem il-qorti tal-ewwel grad sabiex jitħares il-prinċipju tal-immedjatezza, prinċipju li japplika bl-aktar mod skjett u rigoruz għall-proċedimenti fil-prima istanza.

- **<u>It-tmien aggravju:</u>** L-appellanti m'għandhomx ibatu l-ispejjeż tar-referenza għaliex anki kieku l-ewwel Qorti kellha raġun li ssib li ma kien hemm ebda riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti, ċertament it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-appellati, bħall-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet, ma kellhom qatt jintlaqgħu, u kwindi lanqas ma kellhom ibatu l-ispejjeż tagħhom l-appellanti.

**<u>Rikors ta' l-appell ta' Sebastian Dalli</u>**

**11.** B'rikors tal-4 ta' Novembru 2013, l-appellant Sebastian Dalli talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u takkolji r-referenza magħmula, bl-ispejjez kontra l-intimati.

**12.** L-appellant Sebastian Dalli ressaq dawn l-aggravji:

- **<u>L-ewwel aggravju</u>**: Skont l-appellant, l-ewwel Qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni għaliex in effetti kienet qed tirriġetta t-talba tiegħu.

- **<u>It-tieni aggravju</u>**: L-ewwel Qorti żbaljat meta ma sabitx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq meta l-Qorti tal-Maġistrati fil-proceduri kriminali kontra l-appellanti caħdet it-talba tagħhom sabiex jinstemgħu mill-ġdid il-provi li tressqu qabel ma beda jisma' l-każ il-Maġistrat li quddiemu issa tinsab il-kawża li tirrikjedi apprezzament ta' xhieda li għalhekk jeħtieġ li jinstemgħu *viva voce* sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni tagħmel il-valutazzjoni tagħhom skont il-liġi.

**<u>Risposta tal-appellati għall-appell ta' Sebastian Dalli</u>**

**13.** Fir-risposta tagħhom tal-11 ta' Novembru 2013, l-appellati issottomettew li l-appell ta' Sebastian Dalli għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu peress li l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-appellant ma sofra l-

ebda ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq u dan sostanzjalment għar-raġunijiet li ġejjin.

**14.** Biex ikun eżaminat hemmx ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi proċeduri ġudizzjarji dawk il-proċeduri jridu jiġu eżaminati fl-assjem tagħhom u mhux fir-rigward ta' xi deċiżjoni jew mument partikolari tal-proċeduri u dak dettat minn dan id-dritt huwa dak il-bilanċ bejn il-partijiet li jirriżulta meta l-partijiet ikollhom l-opportunità sħiħa li jressqu l-każ tagħhom, jressqu x-xhieda li jixtiequ, jagħmlu kontro-eżami tax-xhieda prodotti kif ukoll jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom quddiem il-Qorti.

**15.** L-appellati jirrelevaw li f'dan l-istadju tal-proċeduri kriminali l-appellant għad għandu l-possibilita' sħiħa li jagħmel il-kontroeżamijiet tax-xhieda kollha li jixtieq, ix-xiehda ġiet traskritta kollha, ċertu provi nstemgħu bil-proċedura tar-rogatorji (minn ġudikant differenti minn dak li kien qed jippresjedi l-proċeduri qabel il-bidla fil-ġudikant), l-appellant bl-ebda mod ma attakka il-mod kif inġabret ix-xiehda minn ġudikanti oħra jew il-kredibilita' tax-xhieda, jew il-proċedura nnifisha tar-rogatorji jew il-ligi li tirregolaha. L-istess appellati għalhekk isostnu li l-ewwel Qorti kienet korretta meta

ddeċidiet li d-dritt ta' smiegħ xieraq tal-appellant bl-ebda mod ma kien ġie mittiefes.

**16.** L-appellati jżidu illi d-dritt ta' smigħ xieraq ma jimplikax li neċessarjament il-każ jinstema' kollu mill-istess ġudikant tenut kont tal-fatt li l-Maġistrat li ser jiddeċiedi l-każ ser ikollu l-atti kollha neċessarji quddiemu u li għalhekk l-għan tal-appellant huwa li jtawwal kemm jiflaħ il-proċeduri kriminali sabiex jittenta jipposponi l-obbligu li għandu li jirrispondi għall-ghemil tiegħu.

**<u>Risposta tal-appellati għall-appell ta' Carmel sive Charles Ellul Sullivan</u>**

**17.** Fir-risposta tagħhom tal-11 ta' Novembru 2013, l-appellati jissottomettu li l-appell tal-appellant Ellul Sullivan għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu sostanzjalment għar-raġunijiet li ġejjin.

- **Fir-rigward tal-ewwel aggravju** tal-appellant Ellul Sullivan l-appellati jissottomettu li dan l-aggravju huwa għal kollox fieragħ għaliex il-fatt waħdu li l-ewwel Qorti ma użatx espressament kliem fis-sens illi kienet qed twieġeb għall-

kweżit fir-riferenza u minflok esprimiet ruħha fis-sens illi kienet qed tiċħad dak mitlub mill-imputat bl-ebda mod ma jimporta n-nullità tas-sentenza appellata u t-tħassir tagħha peress li meta id-dispositiv tas-sentenza jinqara' flimkien mal-motivazzjonijiet tagħha huwa ċar illi l-ewwel Qorti ma sabet l-ebda leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq u b'hekk l-ewwel Qorti pależament indirizzat u wieġbet il-kweżiti li ġew riferiti lilha mill-Qorti riferenti.

- **It-tieni u t-tielet aggravji** huma wkoll vessatorji għaliex fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti għamlitha ċara li dak li kienet qed tiddeċiedi kien il-mertu tal-kweżiti tar-riferenza u mhux l-eċċezzjonijiet preliminari tal-appellanti u dan joħroġ ċar partikolarment meta wieħed jara l-motivazzjonijiet tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

- **Fir-rigward tar-raba' aggravju** ġie sottomess li qabel mal-ewwel Qorti kienet għaddiet għas-sentenza preċedenti tagħha tat-28 ta' Marzu 2011 il-partijiet kienu pproduċew il-provi tagħhom, u għamlu n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, kemm fuq l-eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu u għalhekk ma kien hemm ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Barra minn hekk, skont l-appellati, il-

punt li kellha quddiemha l-ewwel Qorti ma kienx kwistjoni ta' determinazzjoni ta' fatti iżda kien punt purament legali. Inoltre, l-appellati jżidu li in kwantu l-appellant Ellul Sullivan qed jallega li ma kienx notifikat bl-avviż tar-riappuntament kien jinkombi fuqu, bħala l-parti li pprovokat ir-referenza, li ssegwi l-kawża u mhux tisfrutta l-proċedura biex tistaġna l-proċess kollu għal għan aħħari li ma tweġibx għall-ghemilha quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Huma jsostnu li mill-atti proċesswali jidher li l-appellant Ellul Sullivan kien notifikat bin-nota tas-sottomissjonijiet tal-appellati u li għalhekk anke fin-nuqqas tal-istess appellant li jsegwi l-kawża tiegħħu b'diliġenza xorta waħda kien konsapevoli tal-istadju li fih kienet il-kawża. Skont l-appellati, mill-atti jirriżulta li r-rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jagħmel in-nota ta' sottomissjonijiet kien sar minn Sebastian Dalli, liema rikors għas-sospensjoni ntlaqa' u Sebastian Dalli kien ippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub.

- **Fir-rigward tal-ħames aggravju** l-appellati ressqu l-istess argumenti li ressqu fir-rigward tat-tieni aggravju li ressaq l-appellant Dalli.

- **Fir-rigward tas-sitt aggravju** l-appellati jissottomettu illi s-sentenzi ċitati mill-ewwel Qorti kienu ntizi in sostenn tal-prinċipju li kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur ta' dritt għal smigħ xieraq il-proċedura trid tiġi analizzata fl-assjem tagħha u mhux spezzettata u għalhekk ma hux korrett l-appellant meta jallega li l-ewwel Qorti applikat dawk is-sentenzi b'mod mekkaniku għall-vertenza li kellha quddiemha.

- **Fir-rigward tas-seba' aggravju** l-appellati jisħqu li l-ewwel Qorti altru li ddeċidiet l-ilment li kellha quddiemha rigward l-element tal-immedjatezza tal-proċeduri penali, tant hu hekk li osservat li kien hemm salvagwardji biżżejjed konsistenti f'verbali dettaljati u t-traskrizzjonijiet tax-xiehda u nżamm il-bilanċ neċessarju bejn il-partijiet. In kwantu f'dan l-aggravju l-appellant jirritorna fuq dak sottomess fil-ħames aggravju l-appellati jagħmlu riferenza għas-sottomissjonijet tagħhom dwar dak l-aggravju.

- **Fir-rigward tat-tmien aggravju** l-appellati jissottomettu illi kienet korretta l-ewwel Qorti meta ddeċidiet li l-parti li pprovokat ir-referenza kellha tbati l-ispejjeż.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**18.** Il-Qorti tinnota li mis-sentenza appellata appellaw biss Carmelo Elull Sullivan u Sebastian Dalli. Il-ko-imputat Patrick Pellegrini ma appellax.

**<u>L-ewwel erba' aggravji tal-appellant Carmelo Ellul Sullivan u l-ewwel aggravju tal-appellant Sebastian Dalli</u>**

**<u>L-ewwel aggravju tal-appellant Ellul Sullivan</u>**

**19.** Permezz ta' dan l-ewwel aggravju l-appellant Ellul Sullivan isostni li s-sentenza appellata għandha tiġi mħassra peress li dak li kellha tagħmel l-ewwel Qorti kien li tagħti tweġiba għall-kweżit kienx hemm jew le l-ksur lamentat mill-appellanti dwar id-drittijiet tagħhom iżda minflok dik il-Qorti ddecidiet billi "tiċħad it-talbiet kollha tal-imputati" meta l-kweżit sar mill-Qorti tal-Maġistrati u mhux mill-imputati permezz ta' rikors kostituzzjonali.

**20.** La darba l-appellant Ellul Sullivan qiegħed jippretendi tant preċiżjoni assoluta fil-mod kif l-ewwel Qorti tesprimi ruħha tajjeb li jiġi eżaminat jekk l-istess appellant hux qiegħed ikun

daqstant preċiż dwar dak li għamlet il-Qorti tal-Magistrati bir-riferenza lill-ewwel Qorti.

**21.** Il-parti operattiva tad-deċiżjoni tal-14 ta' April 2010 tal-Qorti tal-Maġistrati li biha ordnat ir-riferenza lill-ewwel Qorti tgħid hekk:

> "Minkejja dan kollu il-Qorti qed tilqa' t-talba tad-difiża u tirrimetti l-atti lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tisħarreġ l-ilment ta' l-imputati ai termini tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u 39 tal-Kostituzzjoni" (sottolinear ta' din il-Qorti)

**22.** "L-ilment tal-imputati" kif registrat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-14 ta' April 2010[3] kien fis-sens li "jekk ix-xhieda ma jerġgħux jinstemgħu, mhux ser ikollhom smiegħ xieraq skond id-dispost tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem...". Minn dan jirriżulta ampjament li, tajjeb jew ħażin, (u dwar il-forma tar-riferenza ma tqajjem ebda lment mill-appellant Ellul Sullivan), fl-ordni tagħha ta' riferenza l-Qorti tal-Maġistsrati ma indirizzat ebda kweżit lill-ewwel Qorti iżda dak li għamlet hu li rreferiet lilha l-kwistjoni ta' l-ilment tal-imputati biex jiġi mistħarreġ minnha u li bih kien qiegħed effettivament jintalab dikjarazzjoni li n-nuqqas li jinstemgħu x-xhieda mill-ġdid kien jammonta għal leżjoni tal-artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk meta

[3] Fol 812 tal-proċess penali

l-ewwel Qorti ddeċidiet ir-riferenza billi ċaħdet it-talbiet tal-imputati dan kien pienament konformi mat-termini tar-riferenza u l-konklużjoni tagħha wara li stħarriġ li għamlet dwar l-ilment tal-appellant kif rikjest fid-deċiżjoni ta' riferenza.

**23.** Din il-Qorti, għalhekk, ma għandiex għalfejn tistenna sabiex tara jekk is-sentenza appellata hijiex ġusta fis-sustanza tagħha kif jingħad fl-artikolu 790 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili biex tiddisponi minn dan l-aggravju u dan peress li ma tirravviża ebda raġuni li tinduċiha tħassar is-sentenza appellata fuq il-motiv ta' dan l-aggravju li għalhekk qiegħed jiġi respint.

**<u>It-tieni aggravju tal-appellant Ellul Sullivan</u>**

**24.** Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li minflok ma ddeċidiet il-mertu tar-referenza esklużi l-eċċezzjonijiet li diġa' kienu ġew deċiżi, l-ewwel Qorti iddecidiet ukoll eċċezzjonijiet li kienu diġa' ġew finalment deċiżi minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2012 u li għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx terġa' tiddeċiedi dwarhom.

**25.** Dwar dan l-aggravju l-Qorti tirrileva qabel kollox li fil-bidu nett tas-sentenza appellata jingħad mill-ewwel Qorti li:

> "Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2011 li permezz tagħha l-Qorti ddeklinat li ezercita' l-gurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha u dik tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' April 2012 li permezz tagħha rrevokat dik is-sentenza u bagħtet l-atti tal-kawza lura lil din il-Qorti **biex tiddecidiha fil-mertu**." [4]

**26.** Inoltre, wara li l-ewwel Qorti ddikjarat li rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza l-istess Qorti ssoktat tgħid:

> "Illi kif jidher mill-premess, ir-rikorrenti qed jallegaw li fil-proċeduri msemmija ġew miksura d-drittijiet fundamentali tagħhom bażikament għaliex matul il-kors tal-proċeduri li qed jgħaddu minnhom inbidel diversi drabi l-ġudikant (fil-każ tagħhom il-Maġistrat) li qed jisma' l-kawża." [5]

u aktar tard:

> "Illi issa fil-każ in kwistjoni naturalment il-lanjanza mhijiex dik imsemmija fil-każijiet li għadhom kemm ġew ċitati iżda li l-akkużat se jiġu ġudikati minn Maġistrat li ma jkunx sema' tal-anqas il-maġġoranza tal-perovi prodotti.

**27.** Wara l-premessi fuq l-imsemmija, li permezz tagħhom l-ewwel Qorti identifikat x'kien il-kompitu tagħha fis-sentenza appellata skont id-direzzjoni ta' din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2012, u ċioè biex tiddeċiedi r-riferenza fil-mertu, u għaddiet biex tiddelinea il-mertu tar-riferenza kif fuq ingħad, l-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzonijiet tagħha

---

[4] Fol 164 tal-process.
[5] Fol 164 tal-proċess.

esklussivament fuq il-mertu tar-riferenza. Huwa għalhekk evidenti, għal kull min jaqra' s-sentenza appellata b'mod razzjonali minflok minn perspettiva ta' wieħed li qiegħed ifittex li jaggrappa ma' l-iċken possibilità kimerika biex jimmina s-sentenza appellata a kwalunkwe kost, li fejn is-sentenza appellata qed tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat dan qed tagħmlu b'riferenza għall-eċċezzjonijet tal-intimat fil-mertu u ċioè b'riferenza għall-eċċezzjonijiet enumarati 5 sa 7 fir-risposta tal-appellati tas-27 ta' April 2010[6].

**28.** Dan l-aggravju wkoll, bħall-ewwel aggravju, qiegħed għalhekk jiġi respint.

**<u>It-tielet aggravju tal-appellant Ellul Sullivan</u>**

**29.** Fit-tielet aggravju l-appellant Ellul Sullivan jirritjeni li fis-sentenza tagħha appellata, l-ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-intimati apellati peress li dawn jimmiraw sabiex jipprekludu lill-Qorti milli tindaga l-mertu tar-riferenza meta din il-Qorti bis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2012 kienet ġia dderiġietha biex twieġeb ir-riferenza li saritilha.

[6] Fol 6 tal-proċess.

**30.** Wara l-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni aggravju, din il-Qorti ġa waslet għall-konklużjoni li fejn is-sentenza appellata qed tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija dan qed tagħmlu b'riferenza għall-eċċezzjonijet tagħhom fil-mertu, u ċioè għal dawk enumerati 5 sa 7, u mhux b'riferenza għall-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom, u ċioè dawk bin-numru 1 sa 4, li effettivament kienu ġia ġew respinti minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2012 li bih din il-Qorti bagħtet lura l-atti tal-kawża lill-ewwel Qorti sabiex tingħata t-tweġiba għar-riferenza li saritilha. Għalhekk, il-premessa ewlenija ta' dan l-aggravju fis-sens li l-ewwel Qorti laqgħet "t-tielet u r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-intimati appellati" hi għal kollox żbaljata u tirrendi l-aggravju infondat.

**31.** Dan l-aggravju wkoll qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**<u>Ir-raba' aggravju tal-appellant Ellul Sullivan</u>**

**32.** Fir-raba' aggravju tiegħu l-appellant Ellul Sullivan isostni li l-ewwel Qorti kisret id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq peress li jgħid li huwa ma ġiex notifikat bir-riappuntament tal-kawża wara li din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2012

ordnat li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti biex tingħata tweġiba għar-riferenza li saritilha.

**33.** Mill-atti tal-kawża jirriżulta li wara li l-ewwel Qorti rċeviet l-atti tar-riferenza wara s-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' April 2012, l-ewwel Qorti, b'digriet tal-4 ta' Lulju 2012, irriappuntat ir-riferenza għas-seduta tal-4 ta' Lulju 2012. Mir-riferta tal-uffiċjal tal-qorti tal-1 Ġunju 2012[7] jirriżulta li l-appellant Ellul Sullivan ma ġiex notifikat bl-avviż tar-riappuntament. Dakinhar tas-seduta tal-4 ta' Lulju 2012 dehru biss l-avukati tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali u r-riferenza tħalliet għat-3 ta' Diċembru 2012 għall-provi kollha tal-partijiet.

**34.** Sad-data tas-seduta tat-3 ta' Diċembru 2012 ma jirriżultax li tħallset xi żieda jew li sar xi tentattiv ieħor biex l-appellant jiġi notifikat bid-data tas-seduta u dakinhar dehret biss l-avukat tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali u l-Qorti tat-żmien lill-appellant sal-31 ta' Jannar 2013 biex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet bil-visto tal-avukat tal-Gvern u r-riferenza ġiet differita għall-25 ta' Marzu 2013 biex issir it-trattazzjoni finali jekk ikun il-każ.

[7] Fol 132 *a tergo* tal-proċess

**35.** Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2013 reġgħet dehret biss l-avukat tal-Gvern li ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali u r-riferenza ġiet differita għall-31 ta' Mejju 2013 għas-sentenza. Għal darb' oħra sas-seduta tal-25 ta' Marzu 2013 ma jirriżultax li tħallset xi żieda sabiex jiġi notifikat l-appellant Ellul Sullivan b'dik is-seduta u anqas jirriżulta li tħallset xi żieda biex l-istess Ellul Sullivan ikun jista' jiġi notifikat bis-seduta tal-25 ta' Mejju 2013, u di fatti ma jirriżulta li sar ebda tentattiv ieħor ta' notifika tal-appellant f'dan il-perjodu.

**36.** Wara d-differiment għall-31 ta' Mejju 2013, iżda, jirriżulta li n-nota tal-osservazzjonijiet tal-Gvern ġiet notifikata fis-16 ta' April 2013 lil Dr. Sarah Grech f'idejn Dr. John Refalo[8]. Jirriżulta wkoll li Dr. Sarah Grech, allura Dr Sarah Grima, kienet tidher bħala l-avukat tal-appellant Ellul Sullivan flimkien mal-Profs. Ian Refalo fl-ewwel istanza kif ukoll fit-tieni istanza quddiem din il-Qorti u aċċettat notifiki ta' atti ġudizzjarji f'dawn il-proċeduri li kellhom jiġu notifikati lill-appellant Ellul Sullivan[9], fosthom l-avviz ta' smigħ ta' appell intavolat mill-istess appellant u r-rikors tal-appell tal-appellant l-ieħor Sebastian

[8] Fol. 145 *tergo*
[9] Ara fol 9, 10, 97 tergo, 121; u fol 29, 39, 41, 60, 65, 66 tal-proċess tat-tieni appell,

Dalli[10]. Inoltre hu notorju li Dr. John Refalo, li aċċetta n-notifika għan-nom ta' Dr. Sarah Grech, l-istess Dr. Sarah Grech kif ukoll Prof. Ian Refalo, jaħdmu fl-istess uffiċju.

**37.** Fuq in-nota tal-osservazzjonijiet li ġiet notifikata lill-avukat tal-appellant Sullivan kif ingħad hemm indikat fuqnett fuq in-naħa tax-xellug tal-ewwel faċċata li r-riferenza kienet ġiet differita għall-25 ta' Marzu 2013 u fl-ewwel paragrafu tal-istess nota jingħad li l-istess nota kienet qed issir ai termini tal-verbal tat-3 ta' Diċembru, 2012. Mill-istess nota għalhekk kien jirriżulta kjarament li r-riferenza kienet ġiet riappuntata u li saru seduti fiha fit-3 ta' Diċembru 2012 u fil-25 ta' Marzu 2013 u li għalhekk meta l-appellant, permezz ta' Dr. Sarah Grech, ġie notifikat fis-16 ta' April 2013 bin-nota tal-osservazzjonijiet fuq imsemmija tal-appellati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali, huwa ġie effettivament notifikat ukoll bir-riappuntament tar-riferenza u bis-seduti li kienu nżammu fiha u bi ftit eżerċizzju ta' diliġenza ordinarja seta' jistabilixxi permezz tar-reġistru tal-Qrati li r-riferenza mill-25 ta' Marzu, 2013 kienet ġiet differita għas-sentenza għall-31 ta' Mejju, 2013 u li dakinhar ġiet differita għal darb'oħra għas-sentenza għat-23 ta' Ottubru, 2013.

[10] Fol. 119 tal-atti tal-ewwel appell u fol 39 tal-atti tal-appell ta' llum

**38.** L-appellat Ellul Sullivan għalhekk kellu aktar minn sitt xhur żmien sabiex jieħu passi biex jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex jitlob li jingħata żmien sabiex jippreżenta nota ta' osservazzjoijiet risponsiva għal dik tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali. Kellu żmien biżżejjed biex jagħmel dan kemm qabel is-seduta tal-25 ta' Marzu, 2013 kif ukoll qabel dik tat-23 ta' Ottubru, 2013. Di fatti, l-appellant l-iehor Sebastian Dalli, li kien fis-sitwazzjoni identika tal-appellant Ellul Sullivan, talab mingħand l-ewwel Qorti is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza permezz ta' rikors tad-20 ta' Mejju 2013, liema talba ġiet akkordata mill-Qorti[11]. Jirriżulta, iżda, li l-appellant Ellul Sullivan ħalla proprju sal-aħħar mument, u ċioè sal-21 ta' Ottubru 2015, inqas minn 48 siegħa qabel ma kellha tingħata s-sentenza fit-23 ta' Ottubru 2015 sabiex jagħmel rikors u jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Dik is-sospensjoni ma setgħetx tingħata anki għaliex ir-rikors inġieb għall-attenzjoni tal-ewwel Qorti wara li kienet ġia` tat is-sentenza tagħha appellata[12].

**39.** Mill-premess jirriżulta ampjament li l-appellant Ellul Sullivan matul il-proċess fl-ewwel istanza kellu kull opportunità sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-Qorti u sabiex iwieġeb

---

[11] Fol 146, liema talba ġiet akkordata mill-Qorti

[12] Ara d-digriet tal-Qort tat-23 ta' Ottubru2013 fuq ir-rikors.

għas-sottomissjonijiet tal-appellati Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali[13] iżda naqas milli tempestivament japprofitta ruħu minn dawk l-opportunitajiet. Kien jinkombi fuq l-appellant Ellul Sullivan, bħala wieħed mill-partijiet li talbu ir-riferenza, li juri diliġenza speċjali fid-difiża tal-interessi tiegħu u li jsegwi l-andament tal-proċeduri tal-każ u li jżomm kuntatt mar-rappreżentanti legali tiegħu[14].

**40.** Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant Ellul Sullivan jilmenta li ma kellu ebda opportunita' beix iressaq il-provi. Dan ukoll ma hux minnu. Ir-riferenza kollha fl-aspetti kollha tagħha ġiet trattata quddiem l-ewwel Qorti propju qabel l-ewwel sentenza tagħha tat-28 ta' Marzu 2011 u qabel dik id-data l-appellant Ellul Sullivan kellu l-opportunita' jġib il-provi kollha li ried iżda f'ebda mument ma ħarrek xi xhieda jew talab li jħarrek xi xhieda. Di fatti fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2010, fil-preżenza tal-avukati tal-appellant Ellul Sullivan, Prof. Ian Refalo u Dr. Sarah Grima, l-partijiet qablu li għandhom isiru noti ta' sottomissjonijiet u l-kawża ġiet differita għall-finali trattazzjoni[15]. Il-kawża baqgħet tiġi hekk differita sakemm fit-12 ta' Jannar 2011, preżenti l-avukat tal-appellant Ellul

[13] Ara ECHR *Svencioniene v Lithuania,* 25/11/2008*,* #23; ukoll ECHR *Frettè v France*, 26/2/2002, #47
[14] Ara ECHR *Teuschier v Germany*, dec. adm., 4/10/2001; ECHR Sukhorubchenko v Russia, 10/2/2005, #48; ECHR *Muscat v Malta*, 17/7/2012, #44,#59.

[15] Fol 10 tal-proċess tal-ewwel istanza

Sullivan, il-Prof. Ian Refalo, il-kawza tħalliet għas-sentenza mingħajr ma xi ħadd mill-partijiet talab li jinstemgħu xi provi. Din baqgħet is-sitwazzjoni anki wara l-ewwel sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' April 2012 li ordnat li l-atti jintbgħatu lura lill-ewwel Qorti tant li fir-rikorsi li għamlu kemm l-appellant Ellul Sullivan kif ukoll l-appellant Sebastian Dalli għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza appellata ħadd minnhom ma talab li jinstemgħu xi provi u dan huwa biżejjed elokwenti li ħadd mill-partijiet ma kellu provi x'jipproduċi.

**41.** Jista' jiżdied li inoltre l-appellant Ellul Sullivan ingħata l-opportunita' li jagħmel is-sottomissjonijiet kollha li seta' ried jagħmel quddiem l-ewwel Qorti u di fatti hekk għamel u għalhekk jekk seta' kien hemm xi nuqqas f'dan ir-rigward dan ġie ampjament rimedjat quddiem din il-Qorti.

**42.** Għall-motivi premessi, dan l-aggravju msejjes fuq l-allegat nuqqas ta' smiegħ xieraq quddiem l-ewwel Qorti qiegħed ukoll jiġi respint.

**<u>L-ewwel aggravju tal-appellant Dalli</u>**

**43.** F'dan l-istadju huwa opportun li jiġi indirizzat l-ewwel aggravju tal-appellant Sebastian Dalli li permezz tiegħu jilmenta li l-

ewwel Qorti ma tat l-ebda spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni għaliex in effetti kienet qed tirriġetta t-talba tiegħu.

**44.** Għalkemm kien forsi jkollu raġun l-appellant, Dalli jilmenta li l-motivazzjoni fis-sentenza appellata hi pjuttost xotta u li forsi setgħet kienet aktar dettaljata, l-istess appellant ma għandux raġun meta jgħid li l-ewwel Qorti ma tat ebda spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni għaliex irriġettat it-talba tiegħu. Di fatti, fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħaddi biex proprju biex jindirizza u jikkritika preċiżament il-motivazzjonijet miġjuba mill-ewwel Qorti li, naturalment, ma jaqbilx magħhom. Il-fatt li ma jaqbilx mal-motivazzjonijiet mogħtija mill-ewwel Qorti, iżda, ma jfissirx li l-ewwel Qorti spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni tas-sentenza tagħha ma tatx. Di fatti, l-ewwel Qorti, wara li għamlet riferenza għal xi każistika biex turi li d-deċiżjoni jkunx ingħata smigħ xieraq trid tittieħed fil-kuntest tal-proċess kollu fl-interezza tiegħu, spjegat li d-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq ma kienx ser jiġi leż għaliex min ser jiġġudikah għandu a dispożizzjoni tiegħu il-verbali dettaljati u t-traskrizzjonijiet tax-xiedha li ingħatat, u kompliet tgħid li għalkemm huwa desiderabbli li l-ġudikant jisma' l-kawża mill-bidu sat-tmiem tagħha dan ma hux dejjem possibbli bħal meta Maġistrat jiġi elevat għal Imħallef. Il-ġudikant ma hux tenut li jindirizza kull

punt jew argument sollevat mill-parti iżda hu biżżejjed li jidentifika dik ir-raġuni jew dawk ir-raġunijiet li fil-fehma tiegħu huma suffiċjenti sabiex isawwru l-konvinċiment tiegħu dwar il-vertenza.

**45.** Dan l-aggravju tal-appellant Sebastian Danni qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud.

**Il-ħames, is-sitt u s-seba' aggravji tal-appellant Ellul Sullivan flimkien mat-tieni Aggravju tal-appellant Sebastian Dalli**

**46.** L-aggravji numru ħamsa sa' seba' tal-appellant Ellul Sullivan u l-aggravju numru tnejn tal-appellant Sebastian Dalli ser jiġu kunsidrati flimkien għaliex essenzjalment jammontaw għall-ilment uniku li l-ewwel Qorti żbaljat meta ma sabitx ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għar-raġunijiet ġia mfissra aktar qabel f'din is-sentenza[16].

**Apprezzament ta' din il-Qorti**

**47.** Hija l-ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u tal-Qorti fi Strasburgu li l-eżami jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq irid isir billi jittieħed qis tal-proċedimenti kollha fl-

[16] Ara para. 10 u 12 *supra*

assjem tagħhom u li għalhekk dan l-eżerċizzju, fil-prinċipju, huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-proċedimenti u mhux qabel[17]. Dan huwa ugwalment applikabbli meta din il-Qorti jkollha tikkunsidra jekk x'aktarx tkunx ser issehh tali vjolazzjoni. Huwa minnu li kemm din il-Qorti kif ukoll l-organi ta' Strasburgu kkonċedew li *in linea* eċċezzjonali xi fatturi partikolari tal-proċeduri jistgħu jkunu tant determinanti għad-dritt għal smigħ xieraq li ma jkunx meħtieġ li l-Qorti tistenna sa tmiem il-proċeduri sabiex tiddeċiedi jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt in kwistjoni[18] iżda dan ma hux il-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum.

**48.** Fil-każ tal-lum, għalkemm il-Maġistrat il-ġdid li ser jiddeċiedi l-kaz mhux ser ikollu l-opportunità li jisma' mill-ġdid ix-xiehda li nġiebet mill-prosekuzzjoni u li diġà nstemgħet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif diversament komposta, b'daqshekk ma jfissirx li d-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq tal-appellanti ġie jew ser jiġi miksur. Irid neċessarjament jittieħed qis tal-istadju odjern tal-proċeduri kriminali fejn minkejja li l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha, l-appellanti għadhom fi stadju fejn għandhom l-opportunità sħiħa li jressqu x-xhieda li jixtiequ jressqu,

[17] Ara inter alia Q Kost David sive David Norbert Schembri v. Avukat Generali, 25 Marzu 2011; Repubblika ta' Malta v. Carmel Camilleri, 22 Frar 2013.
[18] Ara, inter alia Repubblika ta' Malta v. Carmel Camilleri, ibid.

jagħmlu kontro-eżami tax-xħieda ġia prodotti mill-Prosekuzzjoni kif ġia kellhom l-opportunità li jagħmlu appena ġew prodotti jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom lill-Qorti ta' kompetenza kriminali li ser tiġġudikahom. Għaldaqstant, l-appellanti għad għandhom kull opportunita' biex jinfiċjaw il-kredibilita' tax-xhieda li diġa' tressqu mill-Prosekuzzjoni u li jipperswadu lill-ġudikant li jkun mill-inattendibilita' tal-istess xhieda.

**49.** L-appellant Ellul Sullivan jagħmel riferenza għall-importanza tal-prinċipju tal-immedjatezza fil-proċeduri penali u f'dan il-kuntest jinvoka s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Pulizija v Joseph Bartolo</u>**[19] u **<u>Pulizija v Helga D'Alessandro</u>**[20] u wkoll **<u>Pulizija v Concetta Attard</u>**[21], li ċċitat b'approvazzjoni s-sentenza ta' D'Alessandro. Din il-Qorti naturalment tirrikonoxxi l-importanza tal-prinċipju ta' immedjatezza kemm fil-proċeduri ċivili u aktar u aktar fi proċeduri penali. B'danakollu, apparti li l-każijiet kollha msemmija għandhom fattispeċi partikolari li ma jsibux riskontru fil-każ ta' llum, il-prinċipju tal-immedjatezza u dak li jingħad f'dawk is-sentenzi ma jnaqqsu xejn mill-prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti fi Strasburgu u ta' din il-

[19] 9/9/1999
[20] 2/9/1999
[21] 9/2/2011

Qorti li fi proċeduri kostituzzjonali l-eżami jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq irid isir billi jittieħed qis tal-proċedimenti kollha fl-assjem tagħhom u li għalhekk dan l-eżerċizzju, fil-prinċipju, huwa indikat li jsir biss fi tmiem il-proċedimenti taħt eżami.

**50.** L-appellant Ellul Sullivan jagħmel ukoll riferenza għas-sentenzi tal-Qorti fi Strasburgu fl-ismijiet **P.K. vs. Finland**[22] u **Pitkanen v. Finland**[23]. Dawn is-sentenzi wkoll ma jnaqqsu xejn mill-prinċipju li l-eżami ta' kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi proċess partikulari għandu jsir biss fi tmiem dawk il-proċeduri sabiex il-Qorti tkun tista' tagħmel l-apprezzament tagħha billi tieħu qis tal-proċedimenti kollha fl-assjem tagħhom. Di fatti fiż-żewġ kawżi msemmija il-proċedimenti li dwarhom sar l-ilment kienu ġew terminati qabel ma l-Qorti fi Strasburgu tat id-deċiżjoni tagħha. Inoltre, fiż-żewġ kawżi, għalkemm kien hemm bidla tal-ġudikant fil-kors tal-proċedimenti li dwarhom sar l-ilment, il-Qorti ma sabet ebda ksur tad-dritt għal smigħ xieraq minkejja li xhieda ġia mismugħa ma nstemgħux mill-ġdid mill-ġudikant li daħal wara u dan peress li l-Qorti sabet li ċirkostanzi oħra tal-proċess

[22] 9/7/2002
[23] 9/3/2004

kienu jikkompensaw għan-nuqqas ta' immedjatezza[24]. Fir-rigward hu opportun li jiġi rilevat li filwaqt fil-każ **Pitkanen** il-proċedimenti in kwistjoni kienu ta' natura ċivili, dawk fil-każ **P.K. vs. Finland** kienu ta' natura penali u f'dan l-aħħar każ l-applikazzjoni ġiet dikjarata inammissibbli.

**51.** Ukoll f'dan il-każ din il-Qorti ma tistax teskludi f'dan l-istadju li ċerti fattizzi preżenti, jew oħrajn futuri sakemm jiġu terminati l-proċedimenti penali, jistgħu jikkumpensaw għal xi element ta' nuqqas ta' immedjatezza li jista' jkun jeżisti fl-istess proċedimenti penali.

**52.** Dawn l-aggravji huma għalhekk infondati u qiegħdin jiġu miċħuda.

**It-tmien aggravju tal-appellant Ellul Sullivan**

**53.** Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant Ellul Sullivan isostni li ma għandux ibati spejjeż tar-riferenza peress li, anki kieku l-ewwel Qorti għandha raġun, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tiegħu bħall-ewwel u t-tieni eċċezzjoni ma kellhomx jintlaqgħu u għalhekk anqas għandu jbati l-ispejjez tagħhom.

[24] Pitkanen v Finland, #65

**54.** Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant Ellul Sullivan din il-Qorti ġia ppuntwalizzat li kjarament meta fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddeċidiet li kienet qed tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat dan kienet qed tgħidu b'riferenza għall-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-appellati u ċioè kienet qed tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellati Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali bin-numru 5 sa 7 u dan peress li l-eċċezzjonijiet tagħhom bin-numru 1 sa 4 kienu ġia ġew effettivament respinti minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2012 u l-ispejjeż relattivi kienu għalhekk ġia ġew akkollati lill-istess appellati fl-istess sentenza fejn din il-Qorti kienet iddeċidiet li l-ispejjez taż-żewġ istanzi kellhom jitħallsu mill-appellati f'dak l-appell.

**55.** Dan l-aggravju wkoll, għalhekk, huwa infondat u sar inutilment u qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiċħad interament kemm l-appell ta' Carmelo Ellul Sullivan kif ukoll l-appell ta' Sebastian Dalli u tikkonferma s-sentenza appellata anki jekk mhux għal kollox għall-istess raġunijiet mogħtija fis-sentenza appellata.

Kull wieħed mill-appellanti jħallas l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi tal-appell tiegħu li għadhom mhux deċiżi kif spjegat f'din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb